MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1196/1999/1

Kawza fil-lista: 24

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu fid-9 ta’ Frar 1964;

Premess illi mill-imsemmi zwieg ghandhom it-tifel minuri D;

Premess illi l-konvenuta rrendiet ruhha hatja di fronte tal-attur ta' adulterju, mohqrija, sevizzi, ingurji gravi, theddid u minacci;

Premess illi z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser b' mod irrimedjabbli b' tortijiet unici tal-konvenuta u dan kif ser jigi pprovat fil-kors tal-kawza;

Premess illi permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Lulju 1998 fl-ismijiet premessi, il-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu bl-istanti kontra xulxin.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dawn ghal ragunijiet unikament imputabbli ghall-konvenuta.

2. Tordna u taghti dawk il-provvedimenti opportuni dwar il-kura u l-kustodja tat-tifel minuri.

3. Tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet minn kull dritt li tippercepixxi manteniment minghand l-attur.

4. Tapplika kontra l-konvenuta l-komminazzjonijiet kollha jew sa fejn applikabbli taht l-artikolu 48 tal-Kap 6 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tiddikjara xolta u likwidata l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tiddividiha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tordna li parti tigi assenjara lill-attur u ohra lill-konvenuta, okkorrendo bis-supervizjoni ta' periti nominandi.

Bl-ispejjez u bil-konvenuta min issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi t-talba tas-separazzjoni hija gustifikata pero' t-tortijiet huma imputabbli lill-istess attur li pprezenta citazzjoni biex permezz taghha jipprova jgibha li hu l-vittma f' din is-sitwazzjoni.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenta ilha tissaporti swat, vjolenzi, tkissir kif ukoll kemm il-darba refa' idejh fuq l-istess esponenta.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-istess attur mhux biss halla l-familja fil-bzonn pero' anke azzarda kellu relazzjoni ma' terza persuna liema aspetti ser jigu ppruvati fit-trattazzjoni tal-kaz.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni minn ma martu l-konvenuta in bazi ghall dak kontemplat fl-Artikoli 38 u 40 tal-Kap.16. Minn naha taghha l-konvenuta, filwaqt li taqbel mat-talba ghas-separazzjoni personali, teccepixxi li din hija dovuta ghal tortijiet imputabbli biss lill-attur li rrenda ruhu hati fit-termini ta' l-istess Artikoli precitati.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fid-9 ta' Frar 1964 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett it-tfal li llum huma minorenni. Jidher li l-inkwiet f' dan iz-zwieg beda fis-snin bikrija tieghu, u eventwalment fis-19 ta' April 1996 gie kostrett mic-cirkostanzi prevalenti li jitlaq mid-dar konjugali.

Il-partijiet imputaw diversi akkuzi fil-konfront ta' xulxin fil-versjonijiet taghhom li in sustanza jinsabu kontradetti reciprokament. Jirrizulta mill-provi li, filwaqt li l-attur kien xhih mal-konvenuta u anke ma' uliedu, u wkoll li l-

komportament tieghu mal-konvenut kien manifestament nieqes fil-konfront ta’ martu minn dik l-affezzjoni anke minima li kull konjugi ragjonevolment jistenna fiz-zwieg; minn naha tagha l-konvenuta kienet dispreggjattiva fil-konfront ta’ l-attur kemm fi kliema kif ukoll f’ ghemilha. Dan l-atteggjament tal-konjugi kien kagun ta’ hafna mrar u tensjoni bejniethom.

Il-Qorti hija tal-fehma li f’ dan il-kaz jezistu sevizzi fil-konfront ta’ xulxin li wasslu ghas-sitwazzjoni fejn il-koppja ma setghetx tibqa’ tghix aktar flimkien u li z-zwieg bejniethom tkisser irrimedjabbilment.

Jigi osservat ukoll li l-akkuza ta’ adulterju maghmula reciprokament fil-konfront ta’ xulxin ma tirrizultax provata. Inoltre, il-hiberija li l-attur allegatament ghandu ma mara ohra, ma tistax titqies bhala sosidafcentement provata; izda anke jekk dato non concesso dan huwa minnu, din il-hbiberija tista’ biss tikkwalifika bhala ingurja gravi da parti tieghu fil-konfront ta’ martu; inoltre ma jirrizultax li din l-allegata hbiberija kienet tezisti qabel ma l-attur ma baqax jghix fid-dar konjugali, u ghalhekk jibqa’ dubjuz kemm din setghet kienet wahda mill-fatturi li wasslu ghal firda taghhom. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-fattur li wassal ghas-separazzjoni personali bejn il-koppja huma s-sevizzi reciprocici da parti tal-partijiet.

Illi rigward il-kommunjoni ta’ l-akkwisti mill-provi jirrizulta li hemm is-segwenti assi:  id-dar matrminjali li fil-prezent qeda tabita fiha l-attrici ma’ binha D, il-mobbli elenkati mill-attur fil-lista  [dok.T2] esebita a fols.118 u 119 tal-process, salv ghal “Formica double bed complete” u l-karozza li fil-prezent qeda tintuza mill-attur u li din il-Qorti, fl-assenza ta’ provi dwar il-prezz taghha qeda tistma *arbitrio boni viri* fl-ammont ta’ Lm2,000

Irrizulta wkoll li mill-mobbli li hemm ezistenti fid-dar matrimonjali hemm oggetti parafernali ta’ l-attur elenkati minnu fil-listi esebiti a fols.120 u 121 tal-process.  Inoltre l-attur esebixxa rendikont dettaljat tal-flus li kienet taghtu ommu waqt li kien qed jibni d-dar matrimonjali, ammontanti komplessivament ghas-somma ta’ Lm3,134

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba attrici in parte u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, imputabbli ghal sevizzi fil-konfront ta’ xulxin li wasslu ghat-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg taghhom;

[2] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante li ulied il-kontendenti, illum huma kollha maggjorenni;

[3] tichad it-tielet talba, stante li mhux gustifikata fic-cirkostanzi;

[4] tichad ir-raba talba, stante li mhux gustifikata fic-cirkostanzi;

[5] tilqa’ l-hames talba u tiddikjara xjolta l-kommunjoni ta’ l-akkwisti konistenti fl-oggetti fuq indikati, u tillikwidaha bil-mod segwenti:

[a] id-dar konjugali tinbigh bis-subbasta fiz-zmien sena; jew jekk il-paritjet hekk jifthemu, fuq is-suq hieles, u r-rikavat , jinqasam ugwalment bejn il-partijiet, u jigi assenjat lilhom wara li mis-sehem taghhom jitnaqqsu l-ammonti kif ser jigi hawn indikat; il-konvenuta, flimkien ma’ min ikun qed jghix maghha, qeda tigi ordnata li tizgombra mid-dar konjugali wara sena mid-data tal-gudizzju odjern;

[b] illi minn sehem il-konvenuta tar-rikavat tal-bejgh tad-dar, ghandha titnaqqas is-somma ta’ Lm3,134 biex tigi mhallsa lill-attur; u l-bilanc jigi assjenjat lilha;

[c] illi minn sehem l-attur tar-rikavat tal-bejgh tad-dar, ghandha titnaqqas is-somma ta’ Lm1,000 [sehem il-konvenuta mill-karrozza] biex tigi mhallsa lill-konvenuta; u l-bilanc jigi assenjat lilu;

[d] illi l-mobbli, salv l-imsemmija somma ta’ Lm3,134, elenkati fil-listi a fols.120 u 121 ghandhom jigu ritornati lill-attur; filwaqt li l-imsemmija “Formica double bed

complete" ghandha tibqa' tinzamm mill-konvenuta; u l-karrozza tibqa' tinzamm mill-attur;

[e] illi l-kumplament tal-oggetti mobbli kontenuti fil-lista a fols.118 u 119 ghandhom jigu valutati, occorrendo permezz ta' Peter Bonello li qed jigi nominat ghal din l-eventwalita' ghas-spejjez taz-zewg partijiet, u r-rikavat jinqasam ugwalment fejn il-partijiet.

[f] id-depozitu bankarji, esteru jew lokali, u t-titoli ta' flus, esteri u lokali, li sad-data ta' dan il-gudizzju jirrizultaw li huma fuq isem il-partijiet jew fuq parti minnhom, ghandhom jigu meqjusa bhala formanti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti u jinqassum ugwalment fejn il-partijiet;

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati wgwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------